# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 223/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

vs

**Clint Zammit**

iben Joseph, imwieled Gzira, fit-2 ta' Marzu, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 116086(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Clint Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fis-26 ta' Ġunju 2008 għall-ħin ta' bejn il-12:45am u 1:15am fi Triq Cappadocia ġewwa Qormi, :

(1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' Nigel Spiteri u persuni oħra, f'periklu ċar billi seta' jġib periklu għall-ħajja ta' l-istess Nigel Spiteri kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nigel Spiteri billi tajjar lill-istess Nigel Spiteri billi saq il-vettura tiegħu tal-għamla Fiat Brava bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni ABO072 fid-direzzjoni tagħhom u kkaġuna lill-istess Nigel Spiteri feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika it-Tabib Dr. Ramon Bondin MD reg no 5071 ġewwa l-isptar Mater Dei u talli ;

(2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, saq il-vettura ta' l-għamla Fiat Brava b'numru ta' reġistrazzjoni ABO072 b'maniera perikoluża, u talli;

(3) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanżi kkometta ħsara involontarja fuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBE106 għad-dannu ta' Kevin Agius minn Hal-Qormi u talli ;

(4) Fl-istess data, għall-ħin tan-12:30am, fi Triq il-Vitorja, Qormi kkaġuna lil Andy Debono feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat it-tabib Dr. Miriam Giordano MD reg no 3014;

(5) Fl-istess data, għall-ħin tan-12:30am fi Triq il-Vitorja, Qormi, kiser il-mistrieħ tan-nies bi, ġlied u storbju u talli ;

(6) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanżi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 221, 338(m), 339(1)(dd), 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li laqghet id-difiza ta' legittima difesa fil-konfront tat-tielet akkuza u ddikjarat li ma sabitx lill-imputat CLINT ZAMMIT hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames akkuza u lliberatu minnhom u ddikjarat li sabitu hati ta' l-ewwel u s-sitt akkuzi u kkundannatu hames mitt euro (euro 500) multa . Oltre dan ai termini ta l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lill-imputat mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' gimghatejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li s-sentenza hija nulla għar-raġunijiet imsemmija f'dan l-appell (nuqqas ta' smiegħ tax-xhieda *viva voce*) u tipproċedi biex tiddeċiedi dwar l-andament tal-proċeduri skond il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja jew;

Fl-eventwalita' li l-Qorti tħoss li m'għandiex tannulla din is-sentenza għandha tirriforma l-istess billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u tas-sitt imputazzjoni, tikkonferma l-liberatorja tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat u tirrevokaha fil-bqija fejn fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba imputazzjoni ssib ħtija tal-akkużi kif miġjuba u tinfliġġi piena iktar idoneja skond il-liġi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jew;

Fl-istess eventwalita' li din il-Qorti tħoss li m'għandiex tannulla din is-sentenza għandha tirriforma l-istess billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u tas-sitt imputazzjoni, tikkonferma l-liberatorja tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat u tirrevokha fil-bqija fejn fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet ssib ħtija tal-akkużi kif miġjuba u fir-rigward tar-raba imputazzjoni tillibera pero' bl-applikazzjoni tal-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena aktar idoneja skond il-liġi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita, naqset milli tħares waħda mill-formalitajiet rikjesti ai fini tal-għoti tas-sentenza kif rikjesta mill-liġi u b'hekk għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi proċedurali apparti l-fatt li għamlet misinterpretazzjoni tal-liġi, tal-fatti u tal-provi fid-dawl tal-akkużi kif miġjuba. Di piu u konsegwenzjalment, l-piena erogata ma tirriflettix il-portata tar-reati addebitati kontra l-appellat u dan għar-raġunijiet segwenti :
>
> Illi fl-ewwel lok l-appellant jissottometti umilment illi l-fatt li l-Qorti ma semgħatx ix-xhieda jew xi uħud mix-xhieda viva voce twassal għal ksur tal-artikolu 646(1) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta u dan indipendentement minn kwalunkwe verbal li seta sar fil-kors tal-proċeduri u bil-qbil tal-partijiet. Dan iktar u iktar jinghad konsiderando li s-sentenża li ingħatat kienet ibbażżata fuq il-kredibbilta' o meno ta' xhieda li ddeponew, u *multo magis* l-ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet fis-sentenza tagħha li kienu jinkombu fuq ix-xhieda ewlenija f'dan il-każ u fuq il-kredibbilta' tagħhom. Għaldaqsant l-appellat jissotometti li s-sentenża mogħtija kienet mankanti għal kollox minn rekwizit essenzjali u obbligatorju li jinċidi fuq is-sustanza tal-proċeduri kollha adoperata mill-ewwel Qorti u li b'hekk twassal għan-nullita' tas-sentenża mogħtija.
>
> Illi in sostenn ta' dan l-aggravju, l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali jinqara kif ġej :
>
> **646.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda **<u>għandhom dejjem</u>**[1] jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce.*
>
> Illi lanqas ma jista jinhad li japplikaw l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola li huma regolati ai termini tas-subartikolu (2) ta' din l-istess deposizzjonijiet jew li b'xi mod is-subartikolu (8) li ssir referenża għaliha f'dan is-subartikolu qed jiġi mittiefes jew misapplikat:

---

[1] Emfazi tal-appellant.

**(2)** Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:

__**Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce**__ kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief **jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8)**:

**(8)** Ix-xiehda ta' tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat annessa ma' proċess verbal, jew ta' tabib jew kirurgu dentali bħal dak li jkun ġie mismugħ matul il-kompilazzjoni dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja sew jekk mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, tista' tinġieb bħala prova mingħajr il-ħtieġa li l-imsemmi tabib jew kirurgu dentali jinġieb fil-qorti kif provdut fil-proviso tas-subartikolu (2):

iżda, ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jitolbu, jew il-qorti tista' *ex officio* tordna, li dak ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*.

Kwindi filwaqt li l-Qorti mhijiex obbligata li tisma kull xhud mill-ġdid speċjalment jekk ikunu xhieda li sempliċiment jikkonfermaw l-awtentiċita' ta' dokumenti jew il-verita' ta' l-istess, sabiex jiġi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir *viva voce ad validatem* quddiem il-ġudikant li finalment ser jiġġudika l-fatti, salv l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-eżerċizzju huwa essenzjali sabiex il-ġudikant ikun jista jasal għall-ġudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jeżamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliċiment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux neċessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser tagħti ħjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tiegħu. Effettivament dan huwa obbligu tal-ġudikant li jkun, fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw l-kreddibilta' tax-xhud li jkun li semmai għandha tiġi determinata minn min għandu jiġġudika l-fatti u dan '*billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ*'[2].

Illi dan il-prinċipju u din l-interpretazzjoni ġiet ikkristalizzata fis-sentenza **Pulizija vs Joseph Bartolo** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent Degaetano fid-9 ta' Settembru 1999 fejn *ex officio* il-Qorti annullat sentenża ta' Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali peress illi l-ġudikant kien sab ħtija kontra l-appallant mingħajr ma qatt sema provi u wara li straħet interament fuq traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet ta' xhieda (bħal f'dan il-każ). Effettivament in sostenn ta' dak kollu enunċjat f'dan l-appell din is-sentenża tgħid is-segwenti:

---

[2] Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet* ***obbligata*** *li tisma' "fil-qorti u viva voce" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz prima facie skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni*

*4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza ma sema' xejn mill-provi, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nsetmghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646.*

*5. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu.*

Illi fil-każ mertu ta' dan l-appell, ix-xhieda kollha inkluż dawk li a bażi tagħhom ingħatat is-sentenża xhedu *viva voce* quddiem il-Maġistrat Saviour Demicoli u mhux quddiem il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera. Dan iffisser li finalment min iġġudika l-każ qatt ma sema l-ebda xhud *viva voce*, importanti o meno, u ulterjorment, ta sentenza fejn illibera lill-appellat minn xi uħud mill-akkużi senjatament fuq kwistjoni tal-kredibbilta' tagħhom. Dan qed jinhad prinċipalment fid-dawl ta' dak sottomess mill-ewwel Qorti fir-rigward tar-raba akkuża miġjuba kontra l-akkużat fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet li tilqa d-difiża tal-leġittima difiża li kienet tirrefletti dak li stqarr l-akkużat u x-xhieda tiegħu u li kienet totalment kontrastanti għal dak sottomess mill-vittma Andy Debono u min kien miegħu,

liema xhieda lanqas biss ġiet mistoqsija in kontro ezami dwar ċertu dettalji li ġew speċifikati mill-appellat u dwar il-modus operandi ta' kif faqqet il-ġlieda. Filfatt meta xi uħud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ġew mistoqsija jekk kienux huma li bdew id-disgwid fisiku kien hemm ċaħda assoluta f'dan ir-rigward.

Illi allura, tenut kont ta' dan kollu, kien hemm l-obbligu legali fuq il-Maġistrat Scerri Herrera li tisma l-provi essenzjali jekk mhux kollha mill-ġdid biex b'hekk tkun f'posizzjoni taġixxi ai termini tal-artikoli 637 et seq, fejn l-osservazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet huma essenzjali għall-għoti ta' sentenza xierqa u mhux vizzjata f'ebda mod. Jerġa jingħad li dan l-obbligu kien jimpinġi fuq il-ġudikant indipendentement minn kwalunkwe verbal jew qbil li seta' sar bejn il-partijiet li eżentaw lil din il-Qorti milli tisma dawn il-provi mill-ġdid u dan senjatament peress li dan l-obbligu jimpinġi **biss** fuq minn ser jiġġudika l-każ, f'dan il-każ il-Maġistrat Scerri Herrera u ħadd iktar.

Illi kwindi, in vista ta' dan in-nuqqas u anki fid-dawl tas-sentenża hawn fuq ikkwotata, din il-Qorti għandha tannulla din is-sentenża u tieħu dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa ai fini tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u ai fini tal-osservazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali kif hawn fuq indikati.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, jekk din il-Qorti tħoss li m'għandiex tannulla s-sentenza in kwistjoni jinhad ukoll illi l-ewwel Qorti dehret li għamlet interpretazzjoni skoretta tal-fatti u l-provi miġjuba kontra l-akkużat (li kienu ibbazati interament u unikament fuq traskrizzjonijiet ta' xhieda) fir-rigward ta' xi uħud mill-akkużi u dan anki fid-dawl tad-diċitura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-akkużat din il-Qorti jidher li nkorporat l-elementi ta' dan ir-reat ma dawk li jaqgħu taħt l-ewwel imputazzjoni u dan peress li meta kienet qed tikkunsidra l-ħtija o meno ta' Clint Zammit għall-ewwel imputazzjoni donnha indikat li din l-akkuża hija kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni. Dan qed jingħad peress illi mis-sentenza jidher li l-ewwel Qorti għamlet referenza u kkwotat sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Alfred Mifsud* fejn ġie stabbilit li is-sewqan perikoluz jitqiegħed fl-istess keffa tas-sewqan bla kont u b'hekk donnha assorbiet akkuża waħda fl-oħra. Issa b'referenza għall-ewwel akkuża fejn il-Qorti sabet ħtija, l-appellat kien akkużat talli kkaġuna ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Nigel Spiteri wara li tajjru bil-karrozza Fiat Brava (ABO072) li kien qed isuq f'dak il-waqt.

Illi l-ewwel imputazzjoni li tagħha l-akkużat instab ħati ma tagħmilx referenza lanqas għal *'lack of forseeability'* rikjesta ai fini tas-sewqan bla kont, perikoluz jew negliġenti u jidher allura li l-ewwel Qorti sabet ħtija li Clint Zammit ikkaġuna feriti ħfief fil-konfront ta' Nigel Spiteri meta tajjru bil-vettura misjuqa minnu minħabba li ma żammx il-*proper lookout* meħtieġa minn kull sewwieq. Kwindi iktar u iktar, l-akkużat ma setax jiġi lliberat mit-tieni akkuża għax filwaqt li l-ewwel imputazzjoni qed tirreferi għall-ġrieħi sofferti minn Nigel Spiteri ikkaġunati mill-appellat meta tajjru bil-vettura, u peress li l-Qorti sabitu ħati ta' din l-imputazzjoni mingħajr riservi jew riduzzjonijiet, fit-tieni imputazzjoni l-appellat ġie akkużat bis-sewqan perikoluz per se. Huwa minnu li l-piena tat-tieni imputazzjoni setgħet tiġi assorbita fl-ewwel akkuża tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-akkadut fl-ewwel

imputazzjoni iżda din ma twassalx għall-liberatorja tat-tieni akkuża iżda għall-assorbiment fil-pieni. Kwindi l-ewwel Qorti, konsiderando li sabet ħtija tal-ewwel akkuża kif inhi ma setgħetx tillibera mit-tieni imputazzjoni.

Illi fir-rigward issa tat-tielet akkuża miġjuba jinhad li l-ewwel Qorti lliberat peress illi l-vettura li subiet id-danni u ċioe dik bin-numru ta' reġistrazzjoni BBE106 ma kinitx tappartjeni lil Kevin Agius iżda kienet inbiegħet lil persuna oħra senjatament li Branislav Djokic ta' nazzjonalita Bosnijaka li filfatt iddepona wkoll f'dawn il-proċeduri. Madankollu meta wieħed jagħmel referenza għax-xhieda ta dan ix-xhud u għad-dokumentazzjoni eżebita minnu[3] huwa ċar u evidenti li x-xhud in kwistjoni (Djonkic) filfatt akkwista din il-vettura fit-18 ta' Novembru 2009 u mhux qabel dik id-data apparti l-fatt li meta xehed Kevin Agius hu kkonferma li meta seħħ l-inċident il-karrozza in kwistjoni kienet għada tappartjeni lilu u filfatt meta ġara l-inċident kienu marru jħabtulu l-bieb biex jara x'ġara. Jiftakar filfatt li meta ħareġ kien ra l-karrozza tal-appellat fuq tiegħu iżda ma kienx f'posizzjoni jikkonferma d-dinamika tal-inċident peress li meta seħħ kollox hu kien rieqed id-dar[4]. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-ewwel Qorti ma setgħatx tillibera lill-akkużat Clint Zammit tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontrih.

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni, filwaqt li ssir referenza għall-ewwel aggravju f'dan ir-rigward tenut kont tal-fatt li fuq din l-akkuża l-ewwel Qorti mxiet fuq id-disposizzjonijiet bil-miktub mingħajr ma eżaminat l-ebda xhud *viva voce* u mingħajr preġudizzju għall-istess u għall-potenzjalita' ta' sejbien ta' ħtija għar-raba akkuża kif miġjuba fl-eventwalita' li din il-Qorti kellha tilqa l-ewwel eċċezzjoni miġjuba mill-appellant, u ċioe wara li jerġgħu jistemgħu il-provi viva voce mill-ġdid minn min irid jiġġudika l-fatti, l-ewwel Qorti donnha kkunsidrat ukoll li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni in sostenn ta' dak allegat minn Andy Debono mhumiex konsistenti f'dak li qedgħin jgħidu. Di piu l-ewwel Qorti laqgħet it-teżi tal-leġittima difiża mqajjma mid-difiża fis-sens li l-feriti kkaġunati lil Andy Debono kienu neċessarji għas-salvagwarja tal-akkużat kif ukoll ta' Linsay Azzopardi li kienet miegħu wara li l-istess Andy Debono ħebb għalihom b'ġebla wara li allegatament injoraw l-allegazzjonijiet tiegħu li l-istess Clint Zammit kien kisser flixkun mal-karrozza ta' ħuh.

Illi l-ewwel nett filwaqt li l-esponent tista taqbel li xi uħud mix-xhieda in sostenn tal-verzjoni ta' Andy Debono ma kienux hemm fil-bidu u allura ma jistgħux jikkonfermaw kif bdiet il-ġlieda, iktar minn xhud wieħed pero jikkonferma li raw lil Andy Debono jaqla mingħand l-akkużat Clint Zammit u f'dak il-mument l-allegat vittma Andy Debono ma kienx qed jagħti lura[5]. L-ebda wieħed minnhom ma jsemmi l-famuża ġebla li l-appellat u x-xhieda tiegħu jirreferu għaliha. Di piu fir-rigward tar-referenza li saret għad-diskrepanza fix-xhieda ta' Mirabelle Caruana u dik ta' Andy Debono dwar f'liema parti tal-vettura l-appellat allegatament faqa l-flixkun, bir-rispett dan id-dettal ma tantx ixxekkel mill-

[3] Ara folio 82 u 83 tal-atti proċesswali.

[4] Ara x-xhieda ta' Kevin Agius a folio 98 et seq.

[5] Ara x-xhieda u l-kontro eżami ta' Andy Debono, Mirabelle Caruana, Glenn Debono u Keith Camilleri.

kredibbilta ta' dawn ix-xhieda. Fil-verita x-xhieda li ma kienux hemmhekk fil-bidu ma żejnux u żiedu malli raw u sempliċiment illimitaw ruhom għal dak li raw b'għajnejhom. Ansi nistgħu ngħidu li hemm qbil bejn il-partijiet dwar kif beda l-argument fis-sens illi Andy Debono avviċina lill-akkużat u saqsieħ għalfejn kien għamel li għamel u kien biss wara li l-akkużat u sħabu injorawħ u Lindsay Azzopardi qaltlu biex jiskott illi allegatament skond id-difiża Andy Debono ġab din il-ġebla. Filwaqt illi l-esponent isibha kemxejn diffiċli tifhem u temmen minn fejn ġiet din il-ġebla konsiderando li l-partijiet kienu fi triq pubblika waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' San Ġorg anki jekk kelna mingħajr preġudizzju għal kull ma ġie sottomess naċċettaw it-teżi tal-leġittima difiża, jidher illi dak li ġara hawnhemm mar oltre.

Illi l-ewwel Qorti daħlet f'analiżi dettaljata ta' dak li jikkostitwixxi l-leġittima difiża u l-prinċipji tagħha li l-esponent jaqbel magħhom fil-kunċett kif spjegati mill-ewwel Qorti. Madankollu tenut kont tal-fatt li żewġ xhieda apparti Andy Debono jgħidu li l-vittma Debono kien qed jinżamm minn ħu l-akkużat filwaqt li l-akkużat kompla jtiħ jidher ċar li f'dak il-waqt jekk kien hemm qatt sitwazzjoni ta' leġittima difiża, f'dak l-istadju din kienet spiċċat u l-ażżjonijiet tal-akkużat marru oltre dak meħtieġ skond il-liġi. Dan qed jinhad ukoll in sostenn tal-fatt li f'dak il-waqt il-vittma Debono lanqas biss kien f'posizzjoni li jirritalja. Kwindi hawnhekk jidħol il-kunċett tal-proporzjonalita' kif ukoll dak ipprospettat mill-artikolu 227(d) tal-Kodiċi Kriminali fejn semmai ikun hemm skużanti iżda mhux ġustifikazzjoni. Di piu jingħad ukoll li f'dak il-mument żġur illi l-appellat ma kienx maħsud, beżgħan jew imwerwer u kwindi fl-eventwalita' li din il-Qorti takkolji din is-sottomissjoni, l-appellat ma setax jiġi eżonerat mill-ħtija. Hu mill-mod kif iddepona ħassu ġġustifikat talli għamel iżda reverentement jerġa jinhad illi l-ażżjonijiet tiegħu marru oltre hawnhekk. Kwindi anki jekk l-ewwel Qorti ħasset li kellha toqgħod fuq id-disposizzjonijiet tax-xhieda tal-appallat u tal-ħbieb u l-familjari tiegħu li xehdu, u ċioe li kien hemm il-leġittima difiża f'dan il-każ, indubjament ma setgħetx teskludiħ minn piena peress li ċ-ċirkostanza applikabbli kellha tkun dik tal-iskużanti taħt l-artikolu 227(d).

Illi fir-rigward tal-ħames imputazzjoni l-appellant jaqbel mal-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti u kwindi mhux qed tikkontesta l-liberatorja min din l-akkuża. Fl-istess mod l-appellant qed jaqbel mas-sejbien ta' ħtija tas-sitt imputazzjoni kif miġjuba.

Illi dejjem salv għall-ewwel aggravju miġjub u mingħajr preġudizzju għall-istess, kif ukoll mingħajr preġudizzju għall-bqija tas-sottomissjonijiet magħmula, fir-rigward tal-piena erogata filwaqt li l-esponent konsapevoli tal-fatt li jekk piena tingħata fil-parametri tal-liġi din m'għandiex tiġi disturbata u b'rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena mogħtija, umilment jinhad illi fl-eventwalita' tas-sejbien ta' ħtija tal-bqija tal-akkużi kif miġjuba u kif ipprospettat f'dan l-appell il-piena kif imposta mijiex suffiċjenti sabiex tirrefletti l-akkużi kif miġjuba u għaldaqstant din għandha tiġi awmentata sabiex tirrappreżenta l-assjem tal-akkużi miġjuba u n-natura tagħhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali, fl-ewwel aggravju minnu intentat jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti bil-konsegwenzjali nullita ukoll tas-sentenza appellata. Dan ghaliex huwa tal-fehma illi sehhet vjolazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm dispost illi x-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati *viva voce* fil-qorti, fatt illi fil-fehma tal-Avukat Generali ma sehhx meta il-gudikant illi ghadda ghal pronunzjament tad-decizjoni finali fuq il-kaz ma kienx l-istess wiehed li sema' x-xhieda jaghtu d-deposizzjoni taghhom tul il-proceduri.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Generali m'ghandux ragun f'dan l-aggravvju. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi ix-xhieda kollha iddeponew <u>fil-qorti</u> *viva voce* ghalkemm mhux quddiem l-istess gudikant li finalment ippronunzja s-sentenza finali. Illi l-artikolu 646 iccitat mill-Avukat Generali flimkien mad-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi senjalati minnu sabiex isostni l-argument tieghu, kolha jirreferu ghall-'**Qorti**', u mhux ghal gudikant li ikun qed jippresjedi dik il-qorti. Illi allura ma hemmx dubbju illi gew osservati d-dettami tal-ligi mill-Ewwel Qorti fejn x-xhieda xehdu kollha quddiemHa fil-qorti bil-miftuh u *viva voce*. Illi l-Qorti tal-Magistrati hija wahda u unika indipendentement minn liema gudikant ikun qed jippresjedi.

Illi ghalkemm l-Avukat Generali isahhah l-argument tieghu billi jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bartolo, madanakollu dan l-insenjament gie sussegwentement mibdul b'diversi decizjonijiet tal-qrati taghna fosthom dik deciza fit-30 ta' Marzu 2012 fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Debrincat.

Illi fuq kollox il-Qorti taghmel referenza ghal verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2014, meta l-atti tal-kawza gew assenjati mill-Qorti tal-Magistrati kif ippresjeduta mill-kompjant Magistrat Saviour Demicoli ghal quddiem il-Qorti tal-Magistrati ippresjeduta mill-Magistrat, illum Imhallef,

Consuelo Scerri Herrera minn fejn jirrizulta car u tond illi iz-zewg partijiet u allura ukoll il-Prosekuzzjoni ezentaw lil Qorti milli terga' tisma il-provi ikkumpilati mill-gdid. Ighid hekk il-verbal:

> "Meta sssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit ghall-imputat li qed jezenta lill-Qorti milli terga' tisma x-xhieda mill-gdid .....
>
> Il-Qorti giet ukoll infurmata mill-**Ispettur Sandra Zammit li wkoll qed tezentaha milli terga' tisma x-xhieda mill-gdid**."

Illi gie deciz hekk fis-sentenza surriferita:

> **"Huwa sinifikanti wkoll li l-Prosekuzzjoni qatt ma tallbet li jinstema' xi xhud mill-gdid u ghalhekk hija akkwejixxiet jew qabblet li ma kienx hemm ghalfejn jerga' jinstema kollox mill-gdid jew li jinstemghu xi xhieda minn dawk li kienu instemghu mill-ewwel Magistrat."**

Ma jistax issa allura l-Avukat Generali, u cioe' il-Prosekuzzjoni, li quddiem l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kienx hemm il-htiega li l-gudikant li kien qed jippresjedi l-kawza jerga' jisma' l-provi li kienu diga' ikkumpilati quddiem gudikant iehor, issa iqanqal in-nullita ta' proceduri meta dik in-nullita', jekk kienet tezisti, giet eradikata mill-Prosekuzzjoni stess bil-verbal maghmul fis-seduta tal-05 ta' Mejju 2014, u jippretendi li kaz li jirrisali ghal ghaxar snin ilu jerga' jinstema mill-gdid!

Illi allura l-Qorti tqies illi dan l-aggravju tal-Avukat Generali ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.

Illi qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravji l-ohra imqanqla mill-Avukat Generali ghandu jigi rilevat illi l-akkuzi addebitati lill-appellat Zammit iduru madwar zewg incidenti separati, izda li kienu marbuta flimkien liema incidenti sehhew fil-festa ta' San Gorg ta' Hal Qormi tas-sena 2008. Fl-ewwel incident kienu involuti Clint Zammit, l-appellat flimkien ma' huh Redeemer u it-tfajliet taghhom. L-incident inqala' ma' certu Andy Debono il-parti leza, meta Clint Zammit tajjar xi flixkun li sab hdejh u kien ser jolqot lil Debono u lill-familja tieghu li f'dak il-hin inzertaw ghaddejjin fit-triq ukoll. Jidher illi minn hawn inqalghet kollutazzjoni bejn Zammit u Debono fejn gew involuti ukoll xi nies ohra. L-appellat jishaq illi kien Debono kien agressiv mat-tfajla tieghu u dan meta din indirizzatu b'xi kliem dispreggjattiv tant illi hass li kellu jintervjeni biex jiddefendi

kemm lilha kif ukoll lilu innifsu u lil shabu minn dina l-aggressjoni. F'dan l-incident Debono sofra xi griehi li allegatament gew ikkagjonati mill-appellat. Isejjhu l-pulizija u is-sitwazzjoni ikkalmat. Wara xi hin fuq struzzjonijiet ta'l-istess ufficjali tal-pulizija, Clint Zammit, huh Redeemer, flimkien mat-tfajliet taghhom Josianne Azzopardi u Lyndsay Azzopardi iddecidew li imorru il-polyclinic tal-Furjana biex jigu medikati ghal griehi li kienu sofrew. Huma marru bil-vettura ta' Clint Zammit tal-ghamla Fiat Brava numru ta' registrazzjoni ABO 072. Huma jikkontendu illi kif kienu nezlin Triq il-Cappadocia, harrgu ghalihom ghan-nofs tat-triq xi persuni fosthom Nigel Spiteri. Zammit inhasad kif rahom quddiemu, ipprova ghalhekk jevithom billi isswervja il-vettura, izda tilef il-kontroll u spicca tajjar lil Spiteri u wara baqa' diehel fil-hajt u f'vann li f'dak il-hin kien ipparkeggjat. Konsegwenza ta' dan Spiteri sofra griehi hfief kif ukoll gew ikkagjonati hsarat fil-vettura li kienet ipparkeggjata.

Illi fit-tieni aggravju intentat mill-Avukat Generali, huwa jilmenta fl-ewwel lok illi gjaladarba l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-ewwel imputazzjoni fejn l-appellat ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nigel Spiteri meta tajjru bil-vettura tieghu, allura kellha tinstab htija ukoll ghat-tieni imputazzjoni u cioe' ghal dik marbuta mar-reat tas-sewqan perikoluz ikkontemplat fl-artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu jirrizulta illi fil-motivazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti marbuta mal-incident fejn l-appellat gie mixli li tajjar lil Nigel Spiteri, dan sehh ghaliex huwa kien qed isuq il-vettura tieghu b'mod perikoluz u minghajr kont, konsegwenza tal-fatt illi huwa x'aktarx kien irrabjat wara l-incident iehor li kien inqala' ftit tal-hin qabel fejn huwa kien gie aggredit minn certu Andy Debono u xi nies ohra fil-kumpanija tieghu. Fil-fatt qieset illi l-appellat lanqas induna illi kienu harrgulu xi nies ghal nofs it-triq, fosthom l-imsemmi Spiteri, tant illi meta ipprova jevitahom huwa baqa' diehel fil-hajt u f'vettura ohra ipparkeggjata fil-vicinanzi, fatt li jindika illi huwa kien qed isuq minghajr kont u bi *speed* elevat. Tghaddi biex sahansitra ticcita l-gurisprudenza fir-rigward, kif ukoll ticcita fil-parti decizorja tas-sentenza l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tghaddi ukoll ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellat fit-termini ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Madanakollu tghaddi imbaghad biex tiddikjara l-liberatorja minn din l-imputazzjoni. Illi din il-Qorti temmen illi dan kien *lapsus* minn naha ta'l-Ewwel Qorti billi huwa evidenti illi d-decizjoni kienet wahda diretta lejn sejbien ta' htija u kwindi l-aggravju ta'l-Avukat Generali marbut mat-tieni akkuza jisthoqqlu akkolijment u l-Qorti ghalhekk

bi qbil mar-ragjonament milhuq mill-Ewwel Qorti ser tghaddi madanakollu sabiex issib htija ghal din l-akkuza.

Marbut ukoll mat-tieni parti tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri, l-Avukat Generali huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi biex issib htija ukoll ghat-tielet imputazzjoni li tikkontempla r-reat tal-hsara involontarja. Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tillibera lill-appellat minn dina l-akkuza ghaliex sahhqet illi mill-provi li kien hemm fl-atti l-vettura li ssubiet l-hsara ma kenitx tappartjeni lil Kevin Agius kif indikat fl-akkuza, izda lil certu Branislav Djokic li lilu kien biegh il-vettura Agius. L-Avukat Generali jikkontendi illi t-trasferiment imsemmi kien sehh wara l-kummissjoni tar-reat u kwindi l-akkuza kienet tirrizulta ippruvata. Fil-fatt jishaq illi l-istess Agius jikkonferma illi ghalkemm ma kienx xhud tal-incident peress illi fil-hin li sehhet il-kollizzjoni huwa kien fid-dar tieghu rieqed, madanakollu f'dak iz-zmien din il-vettura kienet tappartjeni lilu. Illi anke fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Qorti tistqarr illi l-Avukat Generali ghandu ragun, mhux biss ghaliex huwa ippruvat illi fiz-zmien tal-incident mertu tal-kaz il-vettura kienet tappartjeni lil Kevin Agius, izda ukoll ghaliex immaterjalment minn min hi l-parti leza li issubiet d-danni, r-reat imputat lill-appellat huwa dak li ikkaguna hsara volontarja fuq vettura. Allura gjaldarba l-att materjali jirrizulta ippruvat u cioe' illi bl-agir tieghu l-appellat ikkagjuna hsara lil terzi, huma min huma dawk it-terzi, kwindi l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

F'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Portelli omissis deciza fl-20 ta' Marzu 2000, li kienet titratta r-reat tal-hsara volontarja inghad:

> **"Kif huwa ben saput, fir-reat ta' hsara volontarja ai termini ta'l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, mhux element rikjest ghat-twettiq u kompletezza ta' dana ir-reat li jkun maghruf min huwa l-proprjetarju ta'l-oggett danneggjat. Li trid il-ligi huwa li jkun jirrizulta li saret xi hsara volontarja fuq xi oggett li min-natura tieghu stess juri bic-car li huwa ta' terzi, fis-sens li ma kienx xi oggett abbandunat, u liema oggett ghandu xi forma ta' valur, anke jekk sidu jibqa' injot."**

Maghdud dan allura anke din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata gjaldarba huwa indubitat illi l-appellat, bis-sewqan perikoluz tieghu, ikkaguna hsara fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE106, immaterjalment lil min tappartjeni din il-vettura. Kwindi anke dan l-aggravju tal-Avukat Generali jisthoqqlu akkoljiment.

Illi l-ahhar aggravju imqanqal mill-Avukat Generali huwa marbut mal-apprezzament tal-provi

maghmul mill-Ewwel Qorti u dan referribbilment ghar-raba akkuza migjuba kontra l-appellat marbuta mal-ewwel parti tal-incident fejn sehhet kollutazzjoni bejnu u bejn Andy Debono. Dan ghaliex jishaq l-Avukat Generali illi l-fattsipecje tal-kaz kienu jindikaw illi l-incident gie ipprovokat mill-appellat meta dan kisser flixkun mar-rota tal-vettura ta' hu Debono u li allura l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tilqa' l-iskriminanti tal-legittima difiza. Fl-aghar ipotezi, jikkontendi l-appellant, kellu jirrizulta l-iskuzanti mahsub fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali li jitratta l-eccess tal-legittima difiza. Illi gie deciz:

> "**46.** Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata :-
>
> > **"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[6]"**
>
> **47.** Illi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ighid hekk dwar din l-iskriminanti:
>
> > **Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

[6]Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila'

**48.** Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk :-

> **"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.**
>
> **Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):**
>
> **"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."**
>
> **Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:**
>
> **"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."**
>
> **Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew**

**minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`[7]."**

**Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:**

> **"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"**

**49**. Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awto-tutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-

> **"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**
>
> **La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente**

**nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.**

**Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[8]"**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51**. Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-

**L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.[9]**

**52**. Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test

[8] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

[9] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03/legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.[10]"

Illi espost dan l-insenjament, din il-qorti tqies illi l-Ewwel Qorti qabilha setghet legalment u regjonevolment tasal ghal konkluzjoni minnha milhuqa u dan meta irrizulta mill-atti illi ghalkemm huwa minnu illi l-appellat tajjar flixkun, ghalkemm mhux intenzjonalment, fid-direzzjoni ta' Debono u l-familja tieghu u laqat il-vettura ta' huh, madanakollu b'daqshekk dan ma kellux iwassal lil Debono jaggredixxi lill-appellat u lil shabu ingustament. F'din is-sitwazzjoni l-appellat ma tantx seta' jahrab iktar u iktar meta flimkien ma' Debono kien hemm nies ohra li ukoll gew involuti f'din l-agressjoni. Lanqas ma tista' taqbel il-Qorti mat-tezi iprospettata mill-Avukat Generali illi dan kien kaz ta' eccess ta' legittima difiza billi kemm Zammit kif ukoll shabu ukoll sofrew griehi f'dan l-incident minhabba l-agressjoni subita. Ghal dawn il-motivi l-aggravju qed jigi respint.

Illi gjaldarba il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' it-tieni u it-tielet aggravji sollevati mill-Avukat Generali ser jkun hemm aggustament fil-piena sabiex jigi rifless is-sejbien ta' htija ghat-tieni u t-tielet akkuzi migjuba kontra l-appellat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' biss it-tieni u it-tielet aggravji sollevati mill-Avukat Generali. Tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqghet l-iskriminati tal-legittima difiza fir-rigward tat-tielet akkuza, fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel u s-sitt akkuzi u fejn illiberatu mir-raba u hames akkuzi u fejn ordnat li l-licenzja tas-sewqan tal-appellat ghandha tigi sospiza ghal zmien gimghatejn, izda tirrevokaha fejn illiberatu mit-tieni u it-tielet akkuzi u wara li rat l-artikoli 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 325(c) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-appellat hati ukoll tat-tieni u t-tielet akkuzi u ghalhekk tvarja l-piena inflitta billi minflok dik tal-multa ta' hames mitt ewro, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

---

[10] App. Sup – Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti deciza 03/10/2018

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsewgenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

It-terminu indikat fid-decizjoni appellata ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellat ghandha tibda tiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur